REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/661

tas-6 ta' April 2017

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 329/2007 tas-27 ta' Marzu 2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1)b, c, e u g tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 jagħti effett lill-miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 ([2]).

(2) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 329/2007 għandu jiġi aġġornat skont l-informazzjoni l-aktar reċenti pprovduta mill-Istati Membri fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.

(3) Fit-30 ta' Novembru 2016, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSC) adotta r-Riżoluzzjoni 2321 (2016) li tipprevedi miżuri ġodda kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea, inkluż projbizzjoni fuq l-importazzjoni ta' ram, nikil, fidda, żingu u statwi, u projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' ħelikopters u bastimenti. Fis-27 ta' Frar 2017 il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/330 ([3]) li jemenda għaldaqstant ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 kif xieraq, biż-żieda tal-Annessi Ih, IIIa u IIIb. Ir-ram, in-nikil, il-fidda u ż-żingu, l-istatwi u l-ħelikopters u l-bastimenti li jridu jiġu inklużi f'dawn l-Annessi għandhom issa jiġu identifikati, u għandhom ikunu allokati bin-numri ta' referenza meħuda min-Nomenklatura Magħquda kif stabbilita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([4]).

(4) UNSCR 2321 (2016) barra minn hekk ikompli jirfina l-lista ta' oġġetti ta' lussu, li diġà huma soġġetti għal projbizzjoni ta' esportazzjoni, stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 329/2007.

(5) Fis-6 ta' April 2017, il-Kunsill iddeċieda li jżid erba' persuni fiżiċi mal-lista ta' persuni u entitajiet suġġetti għal miżuri restrittivi.

(6) L-Annessi Ih, II, III, IIIa, IIIb u V tar-Regolament (KE) Nru 329/2007 għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan,

(7) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma effettivi, dan ir-Regolament irid jidħol fis-seħħ b'mod immedjat.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness Ih jinbidel bit-test fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(2) L-Anness II jinbidel bit-test fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

(3) L-Anness III hu emendat skont l-Anness III ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 88 29.3.2007, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/183/PESK (ĠU L 141, 28.5.2016, p. 79).
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/330 tas-27 ta' Frar 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 329/2007 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (ĠU L 50, 28.2.2017, p. 1).
([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

(4) L-Anness IIIa jinbidel bit-test fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

(5) L-Anness IIIb jinbidel bit-test fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

(6) L-Anness V hu emendat skont l-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' April 2017.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Aġent Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika

ANNESS I

"ANNESS Ih

Ram, nikil, fidda u ż-żingu imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 2(4) ([1]):

Ram

	2603	Minerali u konċentrati tar-ram
	74	Ram u oġġetti derivati minnu
	8536 90 95 30	Kuntatti tar-rivets – tar-ram – ippjastrati b'liga tan-nikil tal-fidda AgNi10 jew bil-fidda li fiha, skont il-piż, 11,2 % (± 1,0 %) ta' ossidu tal-landa u ta' ossidu tal-indju meħudin flimkien – bi ħxuna tal-pjastrament ta' 0,3 mm (– 0/+0,015mm)
ex	8538 90 99	Partijiet tar-ram tajbin għal użu biss jew prinċipalment mal-apparat taħt l-intestatura 8535, 8536 jew 8537
		– Wajer tat-tkebbib:
	8544 11	– – tar-ram
		– Kondutturi elettriċi oħrajn tar-ram, għal voltaġġ li ma jaqbiżx l-1 000 V:
ex	8544 42	– – Mgħammrin b'konnekters
ex	8544 49	– – Oħrajn
		– Kondutturi elettriċi oħrajn, għal vultaġġ ogħla minn 1 000 V:
	8544 60 10	– – B'kondutturi tar-ram

Nikil

	2604	Minerali u konċentrati tan-nikil

([1]) Il-kodiċijiet tan-nomenklatura magħquda huma dawk applikabbli għall-prodotti rilevanti tan-Nomenklatura Magħquda definita fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 u kif inhuma stabbiliti fl-Anness I tiegħu.

		Ligi tal-ħadid:
	7202 60	– Ferro-nikil
		Wajer tal-istainless steel:
	7223 00 11	– – Li fihom bil-piż 28 % jew aktar iżda mhux aktar minn 31 % ta' nikil u 20 % jew aktar iżda mhux aktar minn 22 % ta' kromju
	75	Nikil u oġġetti derivati minnu
	8105 90 00 10	Stangi jew wajers magħmula mill-kobalt illigat li fihom, bil-piż: — 35 % (± 2 %) kobalt, — 25 % (± 1 %) nikil, — 19 % (± 1 %) kromu u — 7 % (± 2 %) ħadid li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tal-materjal AMS 5842, tat-tip użat fl-industrija aerospazjali

Fidda

	2616 10	Minerali u konċentrati tal-fidda

Żingu

	2608	Minerali u konċentrati taż-żingu
	79	Żingu u oġġetti magħmula minnu"

ANNESS II

"ANNESS II

Is-siti web li jipprovdu tagħrif dwar l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikoli 5, 7, 8. 10 u 15, u l-indirizzi għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea:

IL-BELĠJU

http://diplomatie.belgium.be/en/policy/policy_areas/peace_and_security/sanctions

IL-BULGARIJA

http://www.mfa.bg/en/pages/135/index.html

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

http://www.mfcr.cz/mezinarodnisankce

ID-DANIMARKA

http://um.dk/da/Udenrigspolitik/folkeretten/sanktioner/

IL-ĠERMANJA

http://www.bmwi.de/DE/Themen/Aussenwirtschaft/aussenwirtschaftsrecht,did=404888.html

L-ESTONJA

http://www.vm.ee/est/kat_622/

L-IRLANDA

http://www.dfa.ie/home/index.aspx?id=28519

IL-GREĊJA

http://www.mfa.gr/en/foreign-policy/global-issues/international-sanctions.html

SPANJA

http://www.exteriores.gob.es/Portal/en/PoliticaExteriorCooperacion/GlobalizacionOportunidadesRiesgos/Paginas/SancionesInternacionales.aspx

FRANZA

http://www.diplomatie.gouv.fr/fr/autorites-sanctions/

IL-KROAZJA

http://www.mvep.hr/sankcije

L-ITALJA

http://www.esteri.it/MAE/IT/Politica_Europea/Deroghe.htm

ĊIPRU

http://www.mfa.gov.cy/sanctions

IL-LATVJA

http://www.mfa.gov.lv/en/security/4539

IL-LITWANJA

http://www.urm.lt/sanctions

IL-LUSSEMBURGU

http://www.mae.lu/sanctions

L-UNGERIJA

http://www.kormany.hu/download/9/2a/f0000/EU%20szankci%C3%B3s%20t%C3%A1j%C3%A9koztat%C3%B3_20170214_final.pdf

MALTA

https://www.gov.mt/en/Government/Government%20of%20Malta/Ministries%20and%20Entities/Officially%20Appointed%20Bodies/Pages/Boards/Sanctions-Monitoring-Board-.aspx

IN-NETHERLANDS

https://www.rijksoverheid.nl/onderwerpen/internationale-sancties

L-AWSTRIJA

http://www.bmeia.gv.at/view.php3?f_id =12750&LNG = en&version=

IL-POLONJA

http://www.msz.gov.pl

IL-PORTUGALL

http://www.portugal.gov.pt/pt/ministerios/mne/quero-saber-mais/sobre-o-ministerio/medidas-restritivas/medidas-restritivas.aspx

IR-RUMANIJA

http://www.mae.ro/node/1548IS

IS-SLOVENJA

http://www.mzz.gov.si/si/zunanja_politika_in_mednarodno_pravo/zunanja_politika/mednarodna_varnost/omejevalni_ukrepi/

IS-SLOVAKKJA

https://www.mzv.sk/europske_zalezitosti/europske_politiky-sankcie_eu

IL-FINLANDJA

http://formin.finland.fi/kvyhteistyo/pakotteet

L-IŻVEZJA

http://www.ud.se/sanktioner

IR-RENJU UNIT

https://www.gov.uk/sanctions-embargoes-and-restrictions

Indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea:

European Comission

Service for Foreign Policy Instruments (FPI)

EEAS 07/99

B-1049 Brussels

Belgium

Posta elettronika: relex-sanctions@ec.europa.eu”

ANNESS III

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 329/2007 huwa emendat kif ġej:

1. "9. Twapet magħmula bl-għoqiedi bl-idejn, raggs minsuġa bl-idejn u tapezzeriji" tinbidel b'"9. Twapet, raggs u tapezzeriji minsuġa bl-idejn, magħmula bl-idejn jew le, b'valur ta' aktar minn USD 500"

2. "13. Oġġetti tal-mejda ta' kwalità għolja tal-porċellana, tal-kina, taċ-ċeramika jew ċaqquf jew oġġetti tal-fuħħar fini" tinbidel b'"13. Oġġetti tal-mejda tal-porċellana, tal-kina, taċ-ċeramika jew ċaqquf jew oġġetti tal-fuħħar fini' ta' valur ta' aktar minn USD 100"

ANNESS IV

"ANNESS IIIa

L-istatwi msemmija fl-Artikolu 4c(1):

ex	4420 10	Statwi u statwetti tal-injam
		– Statwi u statwetti tal-ġebel
ex	6802 91	– – Irħam, travertin u alabastru
ex	6802 92	– – Ġebla oħra kalkarea
ex	6802 93	– – Granit
ex	6802 99	– – Ġebla oħra
ex	6809 90	Statwi u statwetti tal-ġibs jew ta' kompożizzjonijiet ibbażati fuq il-ġibs
ex	6810 99	Statwi u statwetti tas-siment, tal-konkos jew ta' ġebel artifiċjali, rinfurzati jew le
ex	6913	Statwi u statwetti taċ-ċeramika
		Oġġetti li jintużaw minn arġentiera tad-deheb jew tal-fidda
		– Ta' metall prezzjuż miksi jew indurat jew le b'metall prezzjuż
ex	7114 11	– – Statwetti tal-fidda, miksijin jew indurati jew le b'metall prezzjuż ieħor
ex	7114 19	– – Statwetti tal-metall ieħor prezzjuż, miksijin jew indurati jew le b'metall prezzjuż
ex	7114 20	– Statwi u statwetti ta' metall ta' valur baxx miksi b'metall prezzjuż
		– Statwi u statwetti ta' metall ta' valur baxx
ex	8306 21	– – Statwi u statwetti indurati b'metall prezzjuż
ex	8306 29	– – Statwi u statwetti oħrajn
ex	9505	Statwi u statwetti għal użu għall-festi, il-karnival jew divertiment ieħor
ex	9602	Statwetti ta' materjal tat-tinqix veġetali jew minerali maħdum
ex	9703	Statwarji oriġinali, ta' kwalunkwe materjal"

ANNESS V

"ANNESS IIIb

Il-ħelikopters u l-bastimenti msemmija fl-Artikolu 4d(1):

Ħelikopters

8802 11	B'piż mingħajr tagħbija mhux aktar minn 2 000 kg
8802 12	B'piż mingħajr tagħbija aktar minn 2 000 kg

Bastimenti

8901	Bastimenti tal-kruċiera, dgħajjes għall-eskursjonijiet, bastimenti tal-merkanzija, braken u bastimenti simili għat-trasport ta' persuni jew oġġetti
8902	Bastimenti tas-sajd; bastimenti fabbrika u bastimenti oħrajn għal proċessar jew preservar ta' prodotti tas-sajd
8903	Jottijiet u bastimenti oħrajn għall-passatemp jew sports; dgħajjes tal-qdif u kenuri
8904	Laneċ ta' rmonk u bċejjeċ li jimbuttaw
8906	Bastimenti oħrajn, inklużi bastimenti tal-gwerra u dgħajjes tas-salvataġġ ħlief dgħajjes tal-qdif
8907 10	Ċattri jintefħu"

ANNESS VI

Fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 329/2007, huma miżjuda l-entrati li ġejjin taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi msemmija fl-Artikolu 6(2)(a)":

"33.	RI Myong Su	Data tat-Twelid: 1937 Post tat-twelid: Myongchon, Tramuntana ta' Hamgyong	Viċi President tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u Kap tal-Persunal tal-Forzi Armati Popolari. F'din il-kapaċità, Ri Myong Su għandu pożizzjoni ewlenija għal kwistjonijiet ta' difiża nazzjonali u hu responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħra tal-qerda tal-massa.
34	SO Hong Chan	Data tat-Twelid: 30.12.1957 Post tat-twelid: Kangwon Nru tal-passaport: PD836410105 Data meta jiskadi l-passaport: 27.11.2021	L-ewwel Viċi Ministru tal-Forzi Armati Popolari, membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u Kurunell-Ġenerali fil-Forzi Armati Popolari. F'din il-kapaċità, So Hong Chan hu responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra tal-qerda tal-massa.
35	WANG Chang Uk	Data tat-Twelid: 29.05.1960	Ministru tal-Industrija u tal-Enerġija Atomika. F'din il-kapaċità, Wang Chang Uk hu responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK li għandhom x'jaqsmu ma' armi nukleari, ma' missili ballistiċi jew ma' armi oħra tal-qerda tal-massa.
36	JANG Chol	Data tat-Twelid: 31.03.1961 Post tat-twelid: Pyongyang, Nru tal-passaport: 563310042	President tal-Akkademja tax-Xjenzi mill-Istat, organizzazzjoni dedikata għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet teknoloġiċi u xjentifiċi ta' RDPK. F'din il-kapaċità, Jang Chol għandu pożizzjoni strateġika għall-iżvilupp ta' attivitajiet nukleari RDPK u hu responsabbli mill-għoti ta' sostenn jew mill-promozzjoni ta' programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew ma' armi oħra tal-qerda tal-massa."